**8 ta' Novembru, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

John Micallef

*versus*

Charlie *sive* Carmelo Ciangura

## Konvenju - Tansazzjoni - Spejjez Ġudizzjarji - Validità ta' Kuntratt

*La darba ftehim bejn il-partijiet irrifletta s-sustanza u l-oġġett determinanti ta' bejniethom, li f'dan il-kaz kien ir-rikonoxximent ta' rifużjoni ta' somma flus, il-Qorti sabet li l-ftehim kien validu u kien jorbot il-kontraenti pjenament.*

*L-iskrittura kienet waħda ta' transazzjoni bejn il-partijiet, u r-regola hi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bi buona fede. Għalhekk, la transazzjoni intlaħqet bilfors li kienet ibbażata fuq konċessjonijiet reċiproċi u mhux fuq rinunzja jew abdikazzjoni ta' drittijiet.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi permezz ta' skrittura privata ta' bejn il-kontendenti tal-11 ta' Awissu 1982, il-konvenut obbliga ruħu versu l-attur li jbiegħlu u jitrasferilu *garage* bla numru u bla isem fi triq ġdida bla isem li tisbokka fi New Street, off St. Anthony Street, Buġibba, u dan skond il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura privata; u

premess illi meta saret l-istess skrittura privata, l-attur ħallas lill-konvenut is-somma ta' disa' telef lira Maltija (Lm9,000) li kienet tirrappreżenta l-prezz kollu li bih l-attur kellu jixtri l-*garage* hawn fuq imsemmi; premess illi waħda mill-kundizzjonijiet tal-bejgħ kienet li l-*garage* in kwistjoni kien soġġett għal ċens perpetwu, iżda wara rriżulta li dan kien soġġett għal ċens temporanju; premess ukoll illi l-obbligazzjonijiet assunti mill-kontendenti bl-iskrittura tal-11 ta' Awissu 1982, ġew terminati definittivament fil-11 ta' Awissu 1983; premess illi għalhekk il-konvenut għandu jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm9,000 lilu mħallsa bħala prezz tal-bejgħ tal-*garage* hawn fuq imsemmi u liema bejgħ qatt ma sar u li llum l-attur ma jridx jixtri; premess illi l-konvenut għalkemm interpellat anke uffiċjalment biex jirrifondi dan l-ammont lill-attur dan baqa' inadempjenti, l-istess attur talab li din il-Qorti: (1) tiddikjara illi l-obbligazzjonijiet assunti mill-attur bl-iskrittura privata tal- 11 ta' Awissu, 1982 ma baqgħux validi, fl-ewwel lok peress illi l-*garage* li l-attur kien ser jixtri hu soġġett għal ċens temporanju u mhux wieħed perpetwu u kif ukoll peress illi l-konvenju ta' bejn il-kontendenti skada fil-11 ta' Awissu, 1983; (2) tikkundanna lill-konvenut li jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm9,000 (disa' telef lira maltija) minnu mħallsa lill-konvenut; bl-imgħaxijiet u bl-ispejjes inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Diċembru, 1983, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' Eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi d-domandi huma infondati fil-fatt u fid-dritt (1) għaliex il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa fil-fatt soġġett għal ċens perpetwu, stanti li llum iċ-ċens jista' f'kull żmien jiġi mifdi; (2) għaliex l-attur, bl-aġir tiegħu inganna lill-eċċipjenti, u dam juża l-*garage* mid-data tal-konvenju sa kważi meta ppreżenta din iċ-ċitazzjoni, u għalhekk huwa responsabbli għad-danni favur

l-eċċipjenti, li qiegħdin jintalbu permezz ta' rikonvenzjoni; Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat il-kontrotalba tal-konvenut li biha wara li ippremetta illi b'att ta konvenju tal-11 ta' Awissu, 1982, il-kontendenti ftiehmu li Ciangura jbiegħ lil Micallef il-*garage* bla isem fi triq ġdida bla isem li tisbokka fi New Street off St. Anthony Street, Bugibba, bil-prezz ta' Lm9,000 u Micallef naturalment obbliga ruħu li jixtri; illi Micallef daħal fil-pussess tal-*garage* mal-firma tal-konvenju, dana waħħal tabella fuq il-bieb u beda juża l-istess *garage* għan-negozju tiegħu regolarment; illi dan Micallef, anke wara li skada l-konvenju, baqa' juża l-istess *garage*, u baqa' hekk jużah sa ftit ġranet qabel ma saret din il-kawża; illi dana Micallef naqas mill-obbligazzjoni tiegħu li jixtri dan il-*garage*, però huwa responsabbli għad-danni kawżati lil Ciangura, kif ukoll għandu jikkompensa adegwatament lill-istess minħabba l-użu li huwa għamel tal-*garage* bil-mod fuq imsemmi, u cioè illegalment; l-istess konvenut talab li l-attur Micallef (1) jiġi dikjarat li huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti Ciangura għar-raġunijiet fuq imsemmija; u (2) jiġi kkundannat iħallas lill-istess Ciangura d-danni likwidati, kif ukoll kumpens adegwat minħabba l-użu li huwa għamel mill-imsemmi *garage* għal perjodu kollhu li dam fieh; bl-imgħax u bl-ispejjez kontra l-istess Micallef;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-attur għall-kontrotalba tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontrotalba tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u

għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez; salvi eċċexxjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa illi din il-kawża ġiet transatta skond skrittura tas-17 ta' Settembru, 1984 u skond din l-iskrittura l-attur obbliga ruħu li jċedi l-atti ta' din il-kawża, u għalhekk din il-kawża għandha tkun ċeduta;

Eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u semgħat lid-difensuri;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Illi b'din l-eċċezzjoni l-konvenut irrifera għall-iskrittura tas-17 ta' Settembru, 1984, u ssottometta li bis-saħħa ta' din l-iskrittura din il-kawża ġiet transatta u li l-attur obbliga ruħu li jċedi l-atti tal-kawża;

Illi minn eżami ta' din l-iskrittura jirriżulta li b'dik l-iskrittura l-konvenut intrabat li jbiegħ il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni lil Salvu u John aħwa Fenech għannom ta' *Cosi Belle Mobili Ltd* bil-prezz ta' Lm9,000. Deher fuq l-istess skrittura wkoll l-attur u dan aċċetta li d-delega li għamillu l-konvenut li l-aħwa Fenech *nomine* jħallsu lill-attur dan il-prezz ta' Lm9,000 bil-mod stipulat fl-istess skrittura. L-aħwa Fenech aċċettaw din id-delega u jingħad hekk fl-istess skrittura:

"Imħabba dan il-ftehim John Micallef jobbliga ruħu li jċedi mill-lum stess il-kawża pendenti li hemm bejnu u bejn il-venditur relattiva għall-fond '*de quo*' ;

Illi l-attur qed jikkontesta l-validità ta' dan il-ftehim peress li fl-istess skrittura hemm imniżżel li l-pagament tas-somma ta' Lm9,000 li l-konvenut iddelega lill-aħwa Fenech aċċettanti li jagħmlu kienet "a saldu tas-somma li kien selfu '*brevi manu*' u l-attur jirritjeni li bejn l-attur u l-konvenut ma kienx hemm self iżda konvenju li skada u li kienet dovuta ir-rifużjoni tas-somma ta' Lm9,000 li ħallas l-attur;

Illi fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni ta' l-attur ma hiex aċċettabbli għaliex l-attur stess kien preżenti meta ġiet redatta din l-iskrittura li kien kuntent u aċċetta l-mod li bih ġie deskritt il-kreditu tiegħu, issa ma jistax iqajjem il-kwistjoni li l-kreditu ma ġiex deskritt korrettement. Infatti, il-Qorti tifhem li dan sar għax kien fl-interess taz-zewġ partijiet f'din il-kawża li jagħmlu hekk għar-raġunijiet ovvji u ma sar ebda żball li jammonta għal vizzju tal-kunsens peress li s-sustanza u l-oġġett determinanti tal-kwistjoni kien ir-rikonoxximent da parti tal-konvenut odjern li kellu obbligu li jirrifondi s-somma msemmija ta' Lm9,000 - eżattament kif talab l-attur fit-tieni talba tiegħu;

Illi jirriżulta li l-attur mar għand in-Nutar biex jiġi ppublikat l-att relattiv iżda dan ma setax isir dakinhar peress li l-attur ipppretenda li kellu ftehim mal-konvenut li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu ugwalment bejniethom waqt li l-konvenut ma riedx joħroġ nofs l-ispejjeż. Allura l-attur irrifjuta li jiffirma l-kuntratt;

Illi jirriżulta li l-konvenut bagħat ittra uffiċjali kemm lill-attur u kemm lill-aħwa Fenech *nomine* fl-14 ta' Diċembru, 1984, fejn interpellahom biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-trasferiment tal-*garage de quo* skond l-iskrittura tas-17 ta' Settembru, 1984. Din l-ittra uffiċjali ġiet debitament

notifikata lill-attur u lill-aħwa Fenech *nomine* fid-19 ta' Diċembru, 1984;

Illi jirriżulta wkoll li fis-7 ta' Jannar, 1985 sar il-kuntratt tat-trasferiment in kwistjoni bejn il-konvenut u l-aħwa Fenech *nomine*. L-attur ma ħax sehem f'dan il-kuntratt, però d-delega li ssemmiet fl-iskrittura tas-17 ta' Settembru, 1984, ġiet inkorporata fl-imsemmi kuntratt u ġie msemmi wkoll li l-attur kien diġa tħallas is-somma ta' Lm450 mill-prezz tal-fond imsemmi;

Illi din il-Qorti, fl-isfond taċ-ċirkostanzi msemmija jidhrilha li l-iskrittura msemmija kienet perfettament valida u għalhekk kienet torbot lill-kontraenti pjenament. Isegwi li din l-iskrittura għandha l-valur ta' transazzjoni u biha il-partijiet ftehmu effettivament li jagħtu tmiem għall-kawża odjerna;

Illi din il-Qorti tapprezza id-disgwid li sabu ruħhom fih il-kontendenti wara li għamlu l-iskrittura in kwistjoni. Jidher li meta għamlu dik l-iskrittura huma ma kienux assistiti mill-konsulenti legali tagħhom u ma semmew xejn la dwar il-konntrotalba tal-konvenut u lanqas dwar il-kap ta' l-ispejjeż. Illi cioè nonostante r-regola hi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bi *buona fede* u għalhekk la transazzjoni li ntlaħqet bilfors li kienet ibbażata fuq konċessjonijiet reċiproċi u mhux fuq rinunzja jew abdikazzjoni ta' drittijiet isegwi li fl-interpretazzjoni ta' dik l-iskrittura il-Qorti għandha d-dritt u d-dover li żżomm dan kollu quddiem għajnejha fl-isfond tar-riżultanzi proċesswali;

Illi f'dan il-kuntest jidher illi l-konvenut ukoll kellu intenzjoni, meta ffirma l-iskrittura imsemmija li jċedi l-kontrotalba tiegħu, għaliex ikun kontrosens u għal kollox inekwu

li l-ftehim jiġi nterpretat fis-sens li l-attur obbliga ruħu li jċedi l-azzjoni tiegħu u ma jkunx hemm obbligu simili da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba rikonvenzjonali;

Illi anke fil-konfront tal-kap ta' l-ispejjez tal-kawża, li ma tinvolvix biss it-talbiet ta' l-attur iżda wkoll il-kontrotalba tal-konvenut ikun kontrosens u għall kollox inekwu li l-iskrittura tas-17 ta' Settembru, 1983, tiġi nterpretata bħala li tipprospetta li l-ispejjez kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur. Dana peress li f'dik l-iskrittura l-konvenut basikament irrikonoxxa li hu debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm9,000 u min-naħħa l-oħra ma hemm l-ebda rikonoxximent min-naħħa ta' l-attur tal-pretensjonijiet tal-konvenut kontenuti fil-kontrotalba tiegħu;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti taċċetta dak li xehed l-attur dwar il-kap tal-ispejjez u cioè li l-ftehim kien li l-ispejjeż kollha tal-kawża kellhom jinqasmu ugwalment bejnu u bejn il-konvenut;

Għal dawn il-motivi:

Tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur u dawk tal-konvenut kontenuti rispettivament fl-att taċ-ċitazzjoni u fit-talba rikonvenzjonali tal-konvenut stante transazzjoni milħuqa bejn il-kontendenti skond skrittura tas-17 ta' Settembru, 1984 *a folio* 22 tal-proċess - u f'dan is-sens tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

L-ispejjez kollha tal-kawża għandhom jitħallsu nofs kull wieħed mill-partijiet.